MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 2713/2002

**Grazzio, Carmel, Mario, John u Paul ahwa Magro, kif surrogati fin-negozju Firm Michael Magro**

**vs**

**Ryan Farrugia**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Novembru, 2002 fejn intalab il-hlas tas-somma ta' mija u tlieta u disghin lira Maltija tlieta u sittin centezmu (Lm193.63) ammont bilancjali dovut ghal merkanzija mibjugha u kkonsenjata mill-attur lill-konvenut;**
**Bl-ispejjez tal-prezenti, ta' l-ittra bonarja tas-17 ta' Settembru, 2002, u bl-imghax legali mid-19 ta' Mejju, 2002, data tal-konsenja, sal-hlas effettiv, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Ra n-nota prezentata mill-atturi li biha rriducew is-sorte ghall-mija u tlieta u sebghin lira Maltija u tlieta u sittin centezmu (Lm173.63) stante pagament akkont fil-mori tal-kawza.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Anthony Cutajar ghall-atturi li kkonferma li l-ammont kif ridott ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba kif ridotta tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' mija u tlieta u sebghin lira Maltija utlieta u sittin centezmu (Lm173.63) bl-imghax legali mid-19 ta' Mejju, 2002 sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja tas-17 ta' Settembru, 2002, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

-------------------------------TMIEM-------------------------------